# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' April, 2002.**

**Numru**

**Avviz numru 1218/98 JAB**

**Francesco u Esther konjugi Cilia**

**vs**

**Emanuele Borg u Saviour Borg**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI : L-AVVIZ PROMOTORJU**

1. Illi huma kienu gew notifikati b'avviz biex fi zmien qasir u perentorju jizgumbraw mill-fond ossia ghalqa maghrufa bhala ta' "Wied Sardin", limiti ta' Burmarrad, liema ghalqa hija okkupata minnhom minghajr titolu, u ghal fini tal-kompetenza gie dikjarat li l-valur lokalizju tal-ghalqa ma jeccedix Lm1000.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2. Il-konvenuti eccepew preliminarjament li l-Qorti Civili tal-Magistrati ma kellhiex il-kompetenza “ratione materae” peress li l-ghalqa ndikata fl-avviz kienet imqabbla lilhom u hekk imqabbla ghal izjed minn tnax-il sena ; u, minghajr pregudizzju, li huma kellhom titolu ta’ qbiela.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. Il-Qorti Civili tal-Magistrati, b’sentenza tal-14 ta’ Mejju 2001, cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, ddikjarat li huma kienu qed jiddetjenu l-ghalqa minghajr titolu, laqghat it-talba attrici, u ordnat lill-konvenuti li jizgombra mill-ghalqa sal-14 ta’ Lulju 2001, bl-ispejjez.

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

4. Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati b’dik is-sentenza u jappellaw minnha ghal quddiem din il-Qorti fuq l-aggravju segwenti :-

(i) Illi mix-xhieda prodotti gie abbondantement pruvat li ghal zmien twil kienet tithallas qbiela lil hu l-attur, Indri Cilia, li kien miet. Wara l-qbiela kienet tithallas lil huh l-iehor, Toni Cilia, li kien miet ukoll. U li

wara l-qbiela kienet tithallas lit-tifel ta' ohtu "jismu jidhirli Toni jew Toninu". Ghal dan il-hlas qatt ma nghatat ricevuta.

(ii) Waqt it-trattazzjoni tal-kawza gie pruvat ukoll li kienet saret cedola ta' depozitu fil-Qorti tal-qbiela dovuti fit-30 ta' Dicembru 1997. Ta' min jirrileva li l-avviz quddiem il-Qorti Civili tal-Magistrati gie prezentat fil-15 ta' Gunju 1998. Dak id-depozitu kien ghal ftit snin, u peress li l-ghalqa kienet ilha ghandhom ghal izjed minn tnax-il sena, dan il-fatt huwa prova lampanti li ghas-snin ta' qabel il-qbiela kienu thallsu.

(iii) Illi l-atturi ma giebu ebda prova biex jikkontestaw li dawn il-pagament tal-qbiela kienu ghal izjed minn 12-il sena qed jigu mhallsa lill-persuni li kellhom parti mill-proprjeta' tal-ghalqa "de quo" u lanqas ma pproducew lit-tifel ta' ohtu, fuq imsemmi, "jismu jidhirli Toni jew Toninu" biex jikkontrobattu t-tesi u l-veracita' tal-konvenuti.

(iv) Illi minn dawk il-provi jirrizulta abbondantament li l-konvenuti kienu qed ihallsu qbiela, u li kwindi kellhom titolu ta' qbiela. F'materja ta' titolu ta' qbiela, ukoll jekk dak it-titolu ma jigix rikonoxxut mill-kontroparti, il-kompetenza tispetta fil-valutazjoni ta' kontroversja giudizjarja lil "Bord li Jirregola l-Kera ta' Qbiela" u mhux lil Qorti Civili tal-Magistrati.

Ghaldaqstant l-intimat appellant talab li din is-sentenza appellata tigi revokata billi jigi dikjarat li, stanti li l-konvenuti qeghdin jiddetjenu l-ghalqa “de quo” b’titolu ta’ qbiela, il-Qorti Civili tal-Magistrati kienet inkompetenti tiehu konjizzjoni tal-avviz fuq citat “ratione materiae”, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

**IR-RISPOSTA TA’ FRANCESCO U ESTHER KONJUGI CILIA**

5. L-appellati wiegbu hekk :-

Illi s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata ghas-segwenti ragunijiet :

(i) Illi fl-ewwel lok l-appellanti ma ressqu ebda raguni ghalfejn l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti ghandu jigi ddisturbat. Huwa risaput li Qorti ta’ revizjoni m’ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi li jwassluha ghall-konvinciment li dik il-Qorti ma setghetx ma kienitx zbaljata fl-apprezzament taghha. Ragunijiet li jwassluha ghall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwiex l-apprezzament taghha ta’ dawk il-provi, ser tigi krejata ingustizzja manifesta (**J. Walker vs R. Pizzuto** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Ottubru, 1999). Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Frans Galea vs Alfred Brincat** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-25 ta’ Frar, 2000 inghad : “Hija prassi stabbilita jew ragunijiet

gravi, kemm jista' jkun hija ma tiddisturbax dak l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti billi din tkun semghet il-provi hi u quddiemha jkunu gew prodotti l-istess provi tal-partijiet". Minn dan kollu m'hemm xejn fil-kaz odjern.

(ii) Illi l-appellanti jghidu illi huma kienu hallsu l-qbiela permezz ta' cedola ta' depozitu, li giet esebita mill-istess appellanti. Din l-ircevuta tindika li Emanuel Borg iddepozita s-somma ta' sitt liri (Lm6) fir-Registru tal-Qorti kontra Francesco Cilia. Jibda biex jinghad illi din l-ircevuta hija biss fotokopja u zgur li ma hemm l-ebda prova dwar l-awtenticita o meno taghha u ghalhekk, biex din titqies bhala prova, semmai kellhom jigu osservata d-dettami tal-ligi f'dan ir-rigward. Pero', oltre dan, minn imkien ma jirrizulta li l-appellati, allura atturi kienu accettaw din l-allegata qbiela. Il-fatt illi parti tiddepozita xi haga, f'dan il-kaz flus,fir-registru tal-Qorti bl-ebda mod ma tindika li din hija xi prova ta' hlas. Irid ikun hemm l-accettazzjoni ta' dak il-hlas biex ikun hemm il-prova li qed jallegaw li hemm l-appellanti.

(iii) Illi kien jispetta lill-appellanti sabiex itellghu bhala xhud lil "Toni jew Toninu" sabiex jixhed dwar il-fatt allegat ta' pagament tal-qbiela. Dan l-appellanti ma ghamluhx. L-appellanti issa qed jipprovaw jisservew b'dawn il-proceduri sabiex jirrimedjaw dan in-nuqqas. L-atturi dejjem cahdu li huma ircevew xi qbiela minghand il-konvenuti, appellanti.

(iv) Illi tant ma ghandhomx, l-appellanti, titolu, illi Emmanuel Borg ex admissis jghid illi huwa ta' "l-ghalqa in kwistjoni lil Saviour Borg, il-konvenut l-iehor. Meta tajt l-ghalqa lil Saviour Borg jiena ma ghidt lil hadd". Sussegwentement, fix-xhieda tieghu Saviour Borg jghid illi "Jiena dejjem hallast lil Emmanuel Borg. Lil Francesco Cilia jiena qatt ma hallastu xi qbiela." L-appellata Esther Cilia tghid kategorikament illi "ahna qatt ma rrikonoxxejna lill-konvenuti. Qatt ma accettajna xejn minghand il-konvenuti".

(v) Illi anke mix-xhieda ta' l-istess Emmanuel Borg, illum appellant, jirrizulta bl-aktar mod car illi jekk qatt kellu xi titolu, u dan qed jinghad ghal grazzja ta' l-argument biss, huwa abbanduna din l-istess ghalqa favur terzi (Saviour Borg wiehed mill-appellanti odjerni).

(vi) Illi l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda ezitu dwar il-fatt li l-konvenuti, illum appellanti, ma kellhom u ma ghandhom l-ebda titolu ghal-ghalqa <u>de quo</u>. Illi dan l-appell di fatti sar sabiex l-appellanti jkomplu jtawlu l-proceduri kif diga' kienu ghamlu quddiem l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant l-appellati jitolbu li din il-Qorti billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata tichad ir-rikors ta' l-appell ta' l-appellanti bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.

## IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI

6. L-intimati appellanti jissottomettu bhala aggravji li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li gew prodotti, naqset milli tikkunsidra sew x'kien l-oneru ezatt tal-appellati f'dik li hija produzzjoni ta' xhieda, illi injorat il-fatt li ghal numru ta' snin l-appellanti kienu jhallsu l-qbiela, u l-fatt li kellhom tali titlu ta' qbiela kien fl-ahharnett ifisser li l-ewwel Qorti kienet inkompetenti ratione materiae li tiehu konjizzjoni tal-kawza billi din invece kien messha se mai giet intavolata quddiem il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kera tar-Raba u mhux fil-Qorti tal-Magistrati.

7. Din il-Qorti tibda billi tosserva, kif del resto gie wkoll sottomess mill-kontroparti appellata, illi hija ma tiddisturbax leggerment dak l-apprezzament ta' provi ta' fatt li jkun mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal raguni jew ragunijiet serji u gravi talment li jkunu jiddettaw xort'ohra minn dak deciz mill-ewwel Qorti.

8. Illi minn ezami akkurat tal-provi, din il-Qorti hija konkordi mal-ewwel Qorti li l-appellanti ma rnexxielhomx ifornu l-prova li huma kienu jiddetjenu r-raba de quo bi qbiela. Huma xehdu li ghal diversi snin kienu jhallsu qbiela lil Francesco Cilia, imbaghad meta dan irrifjutaha, bdew jiddepozitawha fil-Qorti. Min-naha tieghu pero', Francesco Cilia cahad li hu qatt ircieva qbiela jew li qatt irrikonoxxa lill-konvenuti bhala gabillotti inkwilini tal-ghalqa maghrufa bhala Ta' Wied Sardin, limiti ta'

Burmarrad. Proprjament Saviour Borg, il-konvenut, ma xehedx li l-qbiela kien ihallashom direttament lil Cilia imma tramite Emanuel Borg, ko-konvenut, u li, inoltre,

> "….dan (Emanuel Borg) qatt ma tani ricevuta. Kollox kien isir u ghadu jsir bil-kelma."

Emanuel Borg, ko-konvenut, ma jghidx lanqas li l-qbiela kien jithallas lill-atturi imma lil huhom Indri, li kien nel frattemp lahaq miet. Wara dan suppost li bdew jithallsu lil huhom iehor, Toni, illum mejjet ukoll. Minn dawn pero' hadd minnhom qatt ma rrilaxxjawlu ricevuta. "Kont naqbad lira u nhallasha", xehed dan Emanuel Borg (fol 16) u jkompli hekk,

> "Dan minghajr ricevuta. Dan l-ahhar pero' Frangisk Cilia u t-tifel li semmejt ma riedux aktar flus. Semmewli xi haga fuq xi qasma. Jiena ghalhekk bdejt naghti l-flus tal-qbiela lill-avukat tieghi sabiex dawn jigu depozitati fil-Qorti.
>
> Fuq l-ghalqa in kwistjoni ma ghandi l-ebda kitba. Lill-attrici Ester Cilia, li qed nara prezenti fl-awla ma nafhiex ….."
>
> x x x
>
> fol 17. "Meta tajt l-ghalqa lil Saviour Borg jiena ma ghidt lil hadd."

Din il-Qorti, l-istess bhal dik ta' l-ewwel istanza bl-ebda mod ma hija sufficjentement konvinta li b'daqstant il-konvenuti ppruvaw li kellhom xi titlu fuq ir-raba <u>de quo</u>. Mhux bizzejjed li wiehed jixhed li ghal numru ta' snin kien qabad jahdem ir-raba u kwindi kellu titlu fuq ir-raba. Kien jispetta lill-konvenuti li jgibu l-prova tal-hlas. Kien fl-interess suprem taghhom li jesigu li tinghata lilhom ricevuta bhala rikonoxximent min

naha tas-sid u aktar meta allegatament kollox kien isir bil-fomm u bla kitba kwalsiasi. Dan kollu f'kuntest fejn, min-naha taghhom, l-atturi qeghdin jichdu kategorikament li huma qatt accettaw xi haga bhala hlas minghand il-konvenuti. Illi kjarament ghalhekk ebda titlu ma jirrizulta li kien jezisti u li allura dan ifisser li l-konvenuti kienu qeghdin jiddetjenu l-ghalqa bla titlu ta' xejn. Illi jsegwi wkoll ghalhekk mis-suespost li l-ewwel Qorti kienet kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza billi lanqas ma jidher li l-konvenut b'xi mod setghu jigu kkunsidrati bhala "inkwilini" protetti taht il-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-ahharnett, bil-fatt li wara certu zmien l-appellanti ddecidew li jiddepozitaw ammont ta' flus bhala qbiela, b'daqshekk ma akkwistaw ebda dritt fuq dan ir-raba.

Ghalhekk ebda wiehed mill-aggravji tal-appellanti ma jirrizulta li hu fondat la fil-fatt u lanqas fid-dritt, kompriza l-eccezzjoni ta' inkompetenza ratione materiae.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza appellata kif moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), tichad l-appell tal-konvenuti appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom b'xahar zmien mil-lum ghal fini ta' zgumbrament mill-istess ghalqa.

Dep/Reg

mg